



Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-VIĊI PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

22 ta' Novembru 2022 *

“Appell – Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kuntratt pubbliku – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Urġenza – Kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza – Perijodu prekuntrattwali – Terminu ta' stennija”

Fil-Kawża C-478/22 P(R),

li għandha bħala suġġett appell skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 57 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2022,

Telefónica de España SA, stabbilita f'Madrid (Spanja), irrappreżentata minn J. Blanco Carol, F. E. González-Díaz, abogados, u P. Stuart, barrister,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. André u M. Ilkova, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-VIĊI PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, M. Szpunar,

jagħti l-preżenti

Digriet

- 1 Permezz tal-appell tagħha, Telefónica de España SA titlob l-annullament tad-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Lulju 2022, Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (T-170/22 R, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”, EU:T:2022:460), li permezz tiegħu dan tal-aħħar ċaħad it-talba tagħha intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Jannar 2022, dwar is-sejħa għal offerti DIGIT/A 3/PR/2019/010, intitolata “Servizzi Trans-Ewropej Sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA)”, li kienet tinforma lill-appellanti li l-offerta tagħha ma kinitx intgħażlet fil-kuntest tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku u li ħabbret

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

l-iffirmar imminenti ta' kuntratt mal-offerent magħżul (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kontenzjuża”) u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni tiġi ordnata tissospendi l-iffirmar ta' dan il-kuntratt.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 89/665/KEE

- 2 L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' revizzjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44), kif emendata bid-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 (ĠU 2014, L 94, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 114, p. 24 u fil-ĠU 2018, L 82, p. 17) (iktar 'il quddiem id-“Direttiva 89/665”), jipprovdi, fil-paragrafu 7 tiegħu:

“Ħlief fejn previst fl-Artikoli 2d sa 2f, l-effetti ta' l-eżerċitar tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq kuntratt konkluż wara li jkun ingħata għandhom ikunu stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Barra minn hekk, ħlief f'każ fejn deċiżjoni jkollha tiġi mwarrba qabel l-għoti tad-danni, Stat Membru jista' jipprovdi li, wara l-konklużjoni ta' kuntratt skond [...] l-Artikoli 2a sa 2f, is-setgħat tal-korp responsabbli mill-proċeduri ta' revizzjoni għandhom ikunu limitati għall-ħlas tad-danni lil kull persuna li tkun sofriet minnha ksur tal-liġi.”

- 3 L-Artikolu 2a(2) ta' din id-direttiva jipprovdi:

“Kuntratt ma jistax jiġi konkluż wara d-deċiżjoni li jingħata kuntratt [...] qabel l-iskadenza ta' perijodu ta' mill-inqas 10 ijiem kalendarji b'effett mill-jum wara d-data li fiha tintbagħat id-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt lill-offerenti u lill-kandidati konċernati jekk jintużaw fax jew mezzi elettroniċi, jew jekk jintużaw mezzi ta' komunikazzjoni oħrajn, qabel l-iskadenza ta' perijodu ta' mill-inqas 15-il jum kalendarji b'effett mill-jum wara d-data li fiha tintbagħat id-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt lill-offerenti u lill-kandidati konċernati jew mill-inqas 10 ijiem kalendarji b'effett mill-jum wara d-data tal-wasla tad-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt.

[...]”

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046

- 4 L-Artikolu 175 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE)

Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36), jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

“2. Soġġetta għall-eċċezzjonijiet u għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu speċifikati fl-Anness I għal dan ir-Regolament [...], l-awtorità kontraenti ma għandhiex tiffirma l-kuntratt jew il-kuntratt qafas mal-offerent magħżul qabel ma jgħaddi perijodu ta' sospensjoni [terminu ta' stennija].

3. Il-perijodu ta' sospensjoni għandu jkollu durata ta' għaxart ijiem meta jintużaw mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, u 15-il jum meta jintużaw mezzi oħrajn.”

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 5 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 2 sa 9 tad-digriet appellat. Huma jistgħu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jiġu esposti fil-qosor kif ġej.
- 6 Fit-23 ta' Mejju 2019, permezz ta' avviż ta' kuntratt ippubblikat fis-suppliment għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2019/S, 099-238502), il-Kummissjoni nediet is-sejħa għal offeriti DIGIT/A 3/PR/2019/010.
- 7 Fit-22 ta' Lulju 2020, konsorzju, kompost mill-appellanti u minn żewġ operaturi oħra, ippreżenta offerta fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' sejħa għal offeriti.
- 8 Fit-18 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni ta' għoti li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat ta' evalwazzjoni.
- 9 Permezz ta' ittra tal-21 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni nnotifikat id-deċiżjoni kontenzjuża lill-appellanti. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni informat b'mod partikolari lill-appellanti li t-terminu ta' stennija ta' għaxart ijiem previst fl-Artikolu 175 tar-Regolament Nru 2018/1046, li matulu l-awtorità kontraenti għandha tastjeni milli tikkonkludi l-kuntratt mal-offerent magħżul (iktar 'il quddiem it-“terminu ta' stennija”), kellu jibda jiddekorri l-għada tad-data ta' meta ntbagħtet l-imsemmija ittra u li, jekk talbiet għal sospensjoni jew osservazzjonijiet dwarha jiġġustifikaw dan, hija kienet qiegħda tirriżerva d-dritt li tissospendi l-iffirmar tal-kuntratt qafas sabiex twettaq eżami iktar fil-fond ta' dawn tal-aħħar. Il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll, fl-istess deċiżjoni, li l-preżentazzjoni ta' osservazzjonijiet dwar il-proċedura ta' għoti ma setax ikollha la bħala għan u lanqas bħala effett li tissospendi jew testendi t-terminu ta' stennija.
- 10 Fit-31 ta' Jannar 2022, l-appellanti ssottomettiet osservazzjonijiet lill-Kummissjoni, li fihom hija identifikat ċertu numru ta' żbalji li kienu allegatament twettqu mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-offerti.
- 11 Fl-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni informat lill-offerenti kollha li, fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-appellanti, hija kienet qiegħda tissospendi l-iffirmar tal-kuntratt qafas, fl-istennija ta' eżami addizzjonali. Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni informat lill-appellanti li hija kienet lestiet dan l-eżami addizzjonali, li hija kienet identifikat żewġ żbalji fl-evalwazzjoni teknika tal-offerta tal-konsorzju li kienet tagħmel parti minnu Telefónica de España u li l-uffiċjal awtorizzanti kien ikkonferma d-deċiżjoni ta' għoti inizjali.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

- 12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Marzu 2022, l-appellanti ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 13 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-istess jum, l-appellanti ressqet talba għal miżuri provviżorji intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tissospendi l-iffirmar ta' kuntratt mal-offerent magħżul fis-sejħa għal offerti DIGIT/A 3/PR/2019/010.
- 14 Permezz tad-digriet appellat, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad din it-talba.
- 15 F'dak id-digriet, il-President tal-Qorti Ġenerali qabel kollox eżamina l-kwistjoni ta' jekk kinitx issodisfatta l-kundizzjoni dwar l-urġenza.
- 16 Fl-ewwel lok, huwa ddetermina l-kriterji li abbażi tagħhom kellha tiġi evalwata din il-kundizzjoni.
- 17 F'dan ir-rigward, huwa fakkar, l-ewwel nett, fil-punt 27 tad-digriet appellat, li, fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, is-sempliċi prova tal-gravità tad-dannu li allegatament ser jiġi kkawżat mill-assenza ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża setgħet, kemm-il darba jkun hemm *fumus boni juris* suffiċjentement serju, titqies li hija suffiċjenti sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni dwar l-urġenza. Madankollu, fil-punt 28 ta' dak id-digriet, huwa rrileva li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza setgħu jiġu rrilassati biss matul il-fażi prekuntrattwali, kemm-il darba jkun għe osservat it-terminu ta' stennija.
- 18 Sussegwentement, fil-punt 29 tad-digriet appellat, huwa kkonstata li, f'dan il-każ, l-appellanti kienet ressqet it-talba tagħha għal miżuri provviżorji wara l-iskadenza tat-terminu ta' stennija u minn dan iddeduċa, fil-punt 30 ta' dak id-digriet, li ma kienx hemm lok li jiġu rrilassati l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza.
- 19 Fl-aħħar nett, fil-punti 31 sa 38 tal-imsemmi digriet, wara li kkunsidra li l-appellanti kellha, sa mill-bidu tat-terminu ta' stennija, elementi suffiċjenti li kienu jippermettulha tressaq talba għal miżuri provviżorji, li fl-assenza tagħhom kien ikun hemm lok li ma ssirx applikazzjoni purament mekkanika tat-terminu ta' stennija, huwa kkonferma li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza ma setgħux jiġu rrilassati.
- 20 Fit-tieni lok, fil-punti 39 sa 81 tad-digriet appellat, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina d-danni invokati mill-appellanti u qies li, għalkemm kien irnexxielha tistabbilixxi r-riskju li jseħħ dannu gravi, hija għall-kuntrarju ma kinitx stabbilixxiet in-natura irreparabbli ta' dan id-dannu.
- 21 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-President tal-Qorti Ġenerali ddeċieda, fil-punt 82 ta' dan id-digriet, li, sa fejn l-appellanti ma kinitx stabbilixxiet li l-kundizzjoni dwar l-urġenza kienet issodisfatta, it-talba għal miżuri provviżorji kellha tiġi miċħuda, mingħajr ma kien neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' *fumus boni juris*, u mingħajr ma kien neċessarju li jsir ibbilanċjar tal-interessi.

It-talbiet tal-partijiet

- 22 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tannulla d-digriet appellat;
 - tiddeċiedi definittivament dwar it-talba għal miżuri provviżorji jew, sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż relatati mal-proċedura tal-appell.
- 23 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċħad l-appell;
 - tiddeċiedi definittivament dwar it-talba għal miżuri provviżorji jew, sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, u
 - tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

- 24 Permezz ta' digriet tat-22 ta' Lulju 2022, Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-478/22 P(R)-R, mhux ippubblikat, EU:C:2022:598), adottat abbażi tal-Artikolu 160(7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna lill-Kummissjoni tastjeni milli tiffirma kuntratt li huwa s-suġġett tal-proċedura ta' sejħa għal offerti DIGIT/A 3/PR/2019/010, sal-adozzjoni tad-digriet li ser jingħata l-ewwel bejn dak li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji jew dak li jaqta' dan l-appell.
- 25 Barra minn hekk, permezz tad-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Settembru 2022, Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-478/22 P(R)-R, mhux ippubblikat, EU:C:2022:676), BT Global Services Belgium BV tħalliet tintervjeni fil-Kawża C-478/22 P(R)-R insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

Fuq l-appell

L-argumenti

- 26 L-appellanti tinvoka żewġ aggravji insostenn tal-appell tagħha, ibbażati, minn naħa, fuq żball ta' liġi kif ukoll fuq ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, u, min-naħa l-oħra, fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tan-natura irreparabbli tad-dannu.
- 27 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-President tal-Qorti Ġenerali żbalja meta kkunsidra, fil-punt 30 tad-digriet appellat, li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza stabbiliti fid-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-

- 23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits (C-35/15 P(R), EU:C:2015:275), kellhom jiġu rrilassati biss fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati qabel l-iskadenza tat-terminu ta' stennija.
- 28 Hija ssostni li, sabiex il-garanzija ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tiġi kkonċiljata mal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza għandhom jiġu rrilassati matul il-perijodu kollu li jippreċedi l-konklużjoni tal-kuntratt mal-offerent rebbieħ. Skont l-appellanti, din is-soluzzjoni tirriżulta b'mod ċar mid-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits (C-35/15 P(R), EU:C:2015:275), li jagħmel riferiment għall-“fażi prekontrattwali” u li jispeċifika li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza ma għandhomx jibqgħu rrilassati ladarba l-awtorità kontraenti tkun ikkonkludiet il-kuntratt mal-offerent rebbieħ.
- 29 Għaldaqstant, skont l-appellanti, l-iskadenza tat-terminu ta' stennija ma tostakolax ir-rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza. Huwa biss meta, minn naħa, il-kuntratt ikun ġie konkluż u, min-naħa l-oħra, it-terminu ta' stennija jkun ġie osservat li l-offerent mhux magħżul ikun imċaħħad mill-benefiċċju tar-rilassament tal-kundizzjonijiet applikabbli sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-urġenza. L-obbligu li jiġi osservat terminu ta' stennija b'hekk ma jikkostitwixxix mekkaniżmu intiż li jillimita l-protezzjoni ġudizzjarja li jibbenefikaw minnha l-offerenti esklużi, iżda huwa rekwiżit proċedurali addizzjonali stabbilit favur tagħhom.
- 30 Il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza għandhom għalhekk jiġu rrilassati meta, bħal f'dan il-każ, l-awtorità kontraenti tkun iddeċidiet li tipposponi l-konklużjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari għaliex tkun tixtieq tikkunsidra mill-ġdid l-għoti ta' kuntratt pubbliku fid-dawl tal-osservazzjonijiet iffornati minn offerent eskluż.
- 31 Bi tweġiba, il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija inammissibbli sa fejn hija bbażata fuq argumenti li ma ġewx ippreżentati fl-ewwel istanza. Fil-fatt, fit-talba tagħha għal miżuri provviżorji, l-appellanti invokat dannu gravi u irreparabbli u sempliċement iċċitat il-ġurisprudenza dwar ir-rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi mingħajr ma talbet l-applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, hija la sostniet li l-gravità tad-dannu kienet suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tal-urġenza u lanqas ma semmiet l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju.
- 32 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija ineffettiva. Hija ssostni li r-rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza stabbilita fid-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits (C-35/15 P(R), EU:C:2015:275), huwa suġġett għall-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju u li dan ir-rekwiżit ma huwiex issodisfatt f'dan il-każ. Għaldaqstant, anki jekk jitqies li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza jistgħu jiġu rrilassati matul il-perijodu prekontrattwali kollu, dan ma jfissirx li l-kundizzjoni dwar l-urġenza kienet issodisfatta f'dan il-każ.
- 33 Fit-tielet lok, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija, fi kwalunkwe każ, infondata.

- 34 B'hekk, fid-digriet tal-Viçi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits (C-35/15 P(R), EU:C:2015:275), l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx li toħloq deroga b'portata wiesgħa għall-kundizzjoni dwar l-urġenza iżda li tillimita l-portata tad-deroga stabbilita mill-Qorti Ġenerali fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.
- 35 F'din il-perspettiva, l-ibbilanċjar tal-interessi tal-partijiet kollha kkonċernati jiġġustifika li din id-deroga tapplika biss għar-rikorsi ppreżentati matul it-terminu ta' stennija peress li l-awtorità kontraenti u l-offerent rebbieħ għandhom dritt għaċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni tal-interess leġittimu tagħhom f'konklużjoni rapida tal-kuntratt, kif tikkonferma kemm il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll dik tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, mis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Fastweb (C-19/13, EU:C:2014:2194), kif ukoll mid-digriet tal-Viçi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Diċembru 2021, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni (C-471/21 P(R), EU:C:2021:984), jirriżulta li l-funzjoni tat-terminu ta' stennija hija li jippermetti l-kontestazzjoni ġudizzjarja tal-għoti ta' kuntratt pubbliku qabel jiġi konkluż il-kuntratt.
- 36 Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, l-argument tal-appellanti jimplika li t-terminu li fih jistgħu jintalbu miżuri provviżorji huwa suġġett għad-diskrezzjoni ta' parti, jiġifieri l-awtorità kontraenti, ħaġa din li tmur kontra n-natura ta' ordni pubbliku tat-termini għall-preżentata ta' rikors. Din is-soluzzjoni tmur ukoll kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn tipprekludi lill-awtorità kontraenti u lill-offerent rebbieħ milli jiddeterminaw id-data li fiha l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza inkwistjoni ma jibqgħux jiġu rrilassati.
- 37 Għaldaqstant, peress li t-talba għal miżuri provviżorji tressqet wara l-iskadenza tat-terminu ta' stennija, il-President tal-Qorti Ġenerali ddeċieda għustament li Telefónica de España kellha tistabbilixxi l-eżistenza ta' dannu gravi u irreparabbli.

Evalwazzjoni

Fuq l-ammissibilità tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju

- 38 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li, fil-kuntest ta' appell, l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa limitat għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li nġhatat għall-motivi u għall-argumenti diskussi quddiem il-kulleġġi ġudikanti tal-ewwel istanza, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motivi jew argumenti li hija ma invokatx quddiem il-Qorti Ġenerali (digriet tal-Viçi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Mejju 2022, Puigdemont i Casamajó *et vs* Il-Parlament u Spanja, C-629/21 P(R), EU:C:2022:413, punt 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, appellant jista' jippreżenta appell billi jinvoka, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, aggravji li jirriżultaw mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali appellata nnifisha u li jkunu intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 39 F'dan il-każ, huwa minnu li għandu jiġi rrilevat li Telefónica de España pprovat tistabbilixxi, fit-talba għal miżuri provviżorji, li d-dannu li hija kienet qiegħda tallega kien ta' natura mhux biss gravi iżda wkoll irreparabbli, filwaqt li tali prova ma hijiex neċessarja, sabiex jiġi stabbilit li hija ssodisfatta l-kundizzjoni dwar l-urġenza, meta l-kriterji ta' evalwazzjoni ta' din il-kundizzjoni jkollhom jiġu rrilassati konformement mad-digriet tal-Viçi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits (C-35/15 P(R), EU:C:2015:275).

- 40 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-President tal-Qorti Ġenerali kellu neċessarjament, sabiex ikun jista' jevalwa jekk l-imsemmija kundizzjoni kinitx issodisfatta, jiddetermina l-kriterji li abbażi tagħhom kellha ssir din l-evalwazzjoni.
- 41 B'hekk, peress li t-talba għal miżuri provviżorji kienet tikkonċerna deċiżjoni adottata fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, il-President tal-Qorti Ġenerali kellu jiddetermina, kif barra minn hekk għamel fil-punti 25 sa 38 tad-digriet appellat, jekk kellux jevalwa l-kundizzjoni dwar l-urġenza abbażi biss tal-kriterji ġeneralment applikabbli fil-proċedura għal miżuri provviżorji, marbuta mar-riskju li jseħħ dannu gravi u irreparabbli, jew jekk għall-kuntrarju kellux japplika l-kriterji alternattivi li jirriżultaw mid-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits (C-35/15 P(R), EU:C:2015:275), jiġifieri l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju u ta' riskju li jseħħ dannu gravi.
- 42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi ddeterminat jekk ir-riferiment għal dawn il-kriterji alternattivi li jinsab fit-talba għal miżuri provviżorji għandux jinftehem bħala li jesprimi r-rieda ta' Telefónica de España li tinvokahom, li l-appellanti tista', fi kwalunkwe każ, issostni, insostenn tal-appell tagħha, li l-President tal-Qorti Ġenerali wettaq żball ta' liġi fir-rigward tal-kriterji li abbażi tagħhom kellha ssir l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza.
- 43 Għaldaqstant, l-inammissibbiltà tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, imqajma mill-Kummissjoni, għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-fondatezza tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju

- 44 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 156(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprovdi li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jispeċifikaw is-suġġett tal-kawża, iċ-ċirkustanzi li jistabbilixxu l-urġenza, kif ukoll il-motivi ta' fatt u ta' liġi li jiġġustifikaw *prima facie* l-adozzjoni tal-miżura provviżorja mitluba. B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jingħataw mill-Imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun *prima facie* ġġustifikat fil-fatt u fil-liġi (*fumus boni juris*) u li huma jkunu urġenti, fis-sens li jkun neċessarju, sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tal-parti li tkun talbithom, li dawn il-miżuri jiġu adottati u li jipproduċu l-effetti tagħhom sa minn qabel id-deċiżjoni dwar il-mertu. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, b'tali mod li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jiġu miċħuda jekk waħda minnhom ma tkunx issodisfatta. Jekk ikun il-każ, l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jwettaq ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni (digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Settembru 2022, OT vs Il-Kunsill, C-526/22 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2022:701, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u kif essenzjalment irrileva l-President tal-Qorti Ġenerali fil-punt 24 tad-digriet appellat, l-għan aħħari tal-proċedura għal miżuri provviżorji huwa li tiġi ggarantita l-effikaċja sħiħa tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu, sabiex tiġi evitata lakuna fil-protezzjoni ġuridika żgurata mill-qorti tal-Unjoni. Huwa sabiex jintlaħaq dan l-għan li l-urġenza għandha tiġi evalwata fil-konfront tal-ħtieġa li tingħata deċiżjoni provviżorja, sabiex jiġi evitat li jiġi kkawżat dannu gravi u irreparabbli lill-parti li titlob il-protezzjoni provviżorja. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova li hija ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura fuq il-mertu mingħajr ma tbatì dannu ta' din in-natura. Għalkemm sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dan id-dannu ma huwiex neċessarju li jkun meħtieġ li l-okkorrenza u l-imminenza tiegħu jiġu stabbiliti b'ċertezza assoluta u għalkemm huwa biżżejjed li l-imsemmi dannu jkun prevedibbli bi grad ta' probabbiltà suffiċjenti, xorta jibqa' l-fatt li l-parti li titlob

- miżura provviżorja tibqa' obligata tipprova l-fatti li fir-rigward tagħhom hija tqis li hemm riskju reali li jseħħ tali dannu (digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Settembru 2022, OT vs Il-Kunsill, C-526/22 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2022:701, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 46 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-kundizzjoni dwar l-urġenza f'talba għal miżuri provviżorji dwar kuntratt mogħti mill-Unjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-espressjoni tal-prinċipju ġenerali tad-dritt għal rimedju effettiv fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi li tinsab fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/665 (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punt 28, kif ukoll tal-1 ta' Diċembru 2021, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni, C-471/21 P(R), EU:C:2021:984, punt 69).
- 47 Issa, peress li mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jirriżulta li protezzjoni ġudizzjarja effettiva teżiġi li l-offerenti esklużi jkollhom possibbiltà reali li jippreżentaw rikors, inkluż rikors intiż għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, mit-teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ġenerali tad-dritt għal rimedju effettiv, kif espress b'mod konkret fl-imsemmija direttiva, jirriżulta li, kif irrileva l-President tal-Qorti Ġenerali fil-punt 26 tad-digriet appellat, meta l-offerent eskluż jirnexxielu juri l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju, l-offerent ma jstax ikun meħtieġ, sabiex juri li l-kundizzjoni dwar l-urġenza hija ssodisfatta, jistabilixxi li ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal miżuri provviżorji timplika r-riskju li jġarrab dannu irreparabbli (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punti 29 u 41, kif ukoll tal-1 ta' Diċembru 2021, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni, C-471/21 P(R), EU:C:2021:984, punti 65 u 70).
- 48 Madankollu, meta tieħu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet ta' direttiva li jesprimu b'mod konkret prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tinjora l-kontenut ta' dawn id-dispożizzjonijiet, minkejja l-fatt li dawn ma japplikawx bħala tali għall-każ inkwistjoni. B'mod iktar partikolari, sa fejn mid-dispożizzjonijiet ta' tali direttiva jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jistabilixxi bilanċ bejn id-diversi interessi inkwistjoni, il-qorti tal-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni dan il-bilanċ fl-applikazzjoni li hija twettaq tal-prinċipju ġenerali hekk espress b'mod konkret (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punt 31, kif ukoll tal-1 ta' Diċembru 2021, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni, C-471/21 P(R), EU:C:2021:984, punt 71).
- 49 F'dan ir-rigward, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 89/665 għandu rilevanza partikolari sabiex tiġi ddeterminata l-portata tar-rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza msemmi fil-punt 47 ta' dan id-digriet (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punt 33, kif ukoll tal-1 ta' Diċembru 2021, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni, C-471/21 P(R), EU:C:2021:984, punt 72).
- 50 Din id-dispożizzjoni tipprovdi li Stat Membru jista' jipprevedi li, wara l-konklużjoni tal-kuntratt skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 2a ta' din id-direttiva, is-setgħat tal-korp responsabbli għall-proċeduri ta' revizzjoni għandhom ikunu limitati għall-għoti ta' danni lil kull persuna leża minn ksur.
- 51 L-imsemmija dispożizzjoni għandha żewġ konsegwenzi għall-qorti adita b'talba għal miżuri provviżorji relatata ma' kuntratt mogħti mill-Unjoni.

- 52 Minn naħa, apparti li, b'mod ġenerali, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest iddefinit mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/665, l-offerent eskluż għandu jkollu, sal-konklużjoni tal-kuntratt, possibbiltà effettiva li jressaq talba għal miżuri provviżorji (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2004, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-212/02, mhux ippubblikata, EU:C:2004:386, punt 23, u tat-3 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-444/06, EU:C:2008:190, punt 39), jidher li, permezz tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7) ta' din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni għamel distinzjoni bejn, minn naħa, il-perijodu li jippreċedi l-konklużjoni ta' kuntratt, li matulu l-offerent eskluż għandu jkollu possibbiltà reali li jikseb, fost oħrajn, l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji u, min-naħa l-oħra, il-perijodu wara l-konklużjoni tal-kuntratt, li matulu huwa possibbli li s-setgħat tal-korp responsabbli għall-proċeduri ta' revizzjoni jiġu limitati għall-għoti ta' danni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 1999, Alcatel Austria *et*, C-81/98, EU:C:1999:534, punt 37).
- 53 It-teħid inkunsiderazzjoni, mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7) tal-imsemmija direttiva jimplika, għaldaqstant, li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza għandhom jiġu rrilassati biss għat-talbiet għal miżuri provviżorji mressqa matul il-fażi prekuntrattwali (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punt 38).
- 54 B'hekk, matul il-perijodu kollu li jippreċedi l-konklużjoni tal-kuntratt, il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza għandhom jiġu rrilassati sabiex jiġi ggarantit li l-kisba ta' miżuri provviżorji ma tkunx prattikament impossibbli (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punt 30), filwaqt li, matul il-perijodu wara l-konklużjoni tal-kuntratt, il-limitazzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq il-protezzjoni ġudizzjarja tal-offerent eskluż jimplikaw li dan, bħala prinċipju, ma jibqax jibbenefika mill-imsemmi rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza.
- 55 Din il-limitazzjoni *ratione temporis* tar-rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza tippermetti li l-interessi tal-offerent eskluż jiġu kkonċiljati ma' dawk tal-awtorità kontraenti u tal-offerent rebbieħ (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punt 34), sa fejn il-konklużjoni tal-kuntratt toħloq, bejn l-awtorità kontraenti u l-offerent rebbieħ, obbligi reċiproċi li jiġġustifikaw, konformement mal-prinċipju ta' ċertezza legali, tisħiħ tal-protezzjoni li tingħatalhom kontra l-kontestazzjoni magħmula minn terzi għall-kuntratt.
- 56 Min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 89/665 jirriżulta li, wara l-konklużjoni tal-kuntratt, is-setgħat tal-korp responsabbli għall-proċeduri msemmija f'din id-dispożizzjoni jistgħu jiġu limitati, kemm-il darba l-kuntratt ikun ġie konkluż konformement mal-Artikolu 2a ta' din id-direttiva, jiġifieri wara l-iskadenza ta' terminu ta' sospensjoni.
- 57 Issa, bħal fil-każ tat-terminu ta' sospensjoni previst fl-Artikolu 2a tad-Direttiva 89/665, it-terminu ta' stennija msemmi fl-Artikolu 175 tar-Regolament 2018/1046 huwa intiż li jiġi evitat li l-awtorità kontraenti u l-offerent rebbieħ, li jkunu ħerqana li jagħmlu irriversibbli l-konsegwenzi tad-deċiżjoni ta' għoti, jgħaġġlu l-konklużjoni tal-kuntratt u b'hekk jikkompromettu b'mod gravi l-protezzjoni ġudizzjarja li għandu jgawdi minnha l-offerent eskluż (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, EPIC Financial Consulting, C-274/21 u C-275/21, EU:C:2022:565, punt 63).

- 58 B'hekk, l-għan tat-terminu ta' stennija ma huwiex li jillimita l-protezzjoni ġudizzjarja tal-offerent eskluż sabiex jitħarsu l-interessi tal-awtorità kontraenti u tal-offerent rebbieħ, iżda huwa, għall-kuntrarju, li jiggarantixxi l-effettività tagħha.
- 59 Minn din il-perspettiva, l-iskadenza tat-terminu ta' stennija għandha rilevanza, għall-Imħallef għal miżuri provviżorji, biss inkwantu l-limitazzjoni għall-perijodu prekuntrattwali tal-applikabbiltà tar-rilassament tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza inkwistjoni tapplika biss f'sitwazzjoni fejn il-konklużjoni tal-kuntratt seħħet wara din l-iskadenza (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punti 42, 57 u 62).
- 60 Għaldaqstant, l-iskadenza tat-terminu ta' stennija ma tistax titqies li tikkostitwixxi t-tmiem tal-perijodu li matulu protezzjoni ġudizzjarja estiża għandha tiġi ggarantita lill-offerent eskluż u li matulu, għaldaqstant, għandhom jiġu rrilassati l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza.
- 61 Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, din is-soluzzjoni ma hijiex ta' natura li tipprekludi lill-awtorità kontraenti u lill-offerent rebbieħ milli jikkonkludu kuntratt malajr, peress li, fil-prattika, l-offerent eskluż ma jkollux il-possibbiltà li jressaq, matul il-perijodu bejn l-iskadenza tat-terminu ta' stennija u l-konklużjoni tal-kuntratt, talba għal miżuri provviżorji li għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza rrilassati ħlief f'sitwazzjonijiet fejn l-awtorità kontraenti u l-offerent rebbieħ ikunu għażlu li ma jikkonkludux dan il-kuntratt malajr minkejja li kellhom il-possibbiltà jagħmlu dan.
- 62 Barra minn hekk, l-imsemmija soluzzjoni ma għandhiex konsegwenza fuq it-termini għall-preżentata ta' rikors u għalhekk ma tistax titqies li tippreġudika n-natura ta' ordni pubbliku ta' dawn it-termini. Hija lanqas ma tintroduċi inċertezza, għall-awtorità kontraenti u għall-offerent rebbieħ, fir-rigward tat-tul tal-perijodu li matulu l-kundizzjoni dwar l-urġenza ser tiġi evalwata fid-dawl ta' kriterji rrilassati, peress li dan il-perijodu jintemm fid-data li fiha jkunu għażlu li jikkonkludu l-kuntratt.
- 63 Għaldaqstant, kif irrileva l-President tal-Qorti Ġenerali fil-punt 28 tad-digriet appellat, il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi huma rrilassati biss matul il-fażi prekuntrattwali, kemm-il darba jkun ġie osservat it-terminu ta' stennija (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Diċembru 2021, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni, C-471/21 P(R), EU:C:2021:984, punt 66).
- 64 F'dan il-każ, peress li huwa stabbilit li Telefónica de España ressqet it-talba tagħha għal miżuri provviżorji qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, id-data tal-iskadenza tat-terminu ta' stennija kienet għalhekk kompletament irrilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza.
- 65 Minn dan isegwi li l-President tal-Qorti Ġenerali wettaq żball ta' liġi u naqas milli jislet il-konsegwenzi tad-dikjarazzjonijiet tiegħu stess meta kkunsidra, fil-punti 29 u 30 tad-digriet appellat, li, peress li din it-talba għal miżuri provviżorji kienet tressqet wara l-iskadenza tat-terminu ta' stennija, il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza inkwistjoni ma kellhomx jiġu rrilassati fil-kuntest tal-eżami tal-imsemmija talba għal miżuri provviżorji.

- 66 Il-konstatazzjoni li wasal għaliha l-President tal-Qorti Ġenerali fil-punt 38 tad-digriet appellat, fis-sens li l-appellanti kellha għad-dispożizzjoni tagħha, sa mill-bidu tat-terminu ta' stennija, elementi suffiċjenti sabiex tressaq talba għal miżuri provviżorji, lanqas ma kienet ta' natura li tiġġustifika li dawn il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza ma kellhomx jiġu rrilassati f'dan il-każ, peress li tali ċirkustanza hija rilevanti, għall-Imħallef għal miżuri provviżorji, fil-każ biss fejn il-kuntratt ikun diġà għe konkluż, wara l-iskadenza tat-terminu ta' stennija, fil-jum li fih titressaq it-talba għal miżuri provviżorji (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Vanbreda Risk & Benefits, C-35/15 P(R), EU:C:2015:275, punti 49, 50 u 57).
- 67 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija fondata.
- 68 L-iżball ta' liġi mwettaq mill-President tal-Qorti Ġenerali fid-determinazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza jċaħħad minn bażi l-evalwazzjoni, li tinsab fil-punt 82 tad-digriet appellat, li Telefónica de España ma kinitx stabbilixxiet li din il-kundizzjoni kienet issodisfatta.
- 69 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 47 ta' dan id-digriet jirriżulta li, meta l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza inkwistjoni jkollhom jiġu rrilassati, din il-kundizzjoni tkun issodisfatta meta l-offerent eskluż jirnexxielu juri l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju u r-riskju li jseħħ dannu gravi.
- 70 Issa, mill-punt 64 tad-digriet appellat jirriżulta li Telefónica de España kienet uriet l-eżistenza ta' tali riskju.
- 71 Għaldaqstant, il-President tal-Qorti Ġenerali żbalja meta qies, mingħajr ma vverifika minn qabel jekk il-*fumus boni juris* invokat minn Telefónica de España kienx ta' natura partikolarment serja, li l-kundizzjoni dwar l-urġenza ma kinitx issodisfatta.
- 72 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tintlaqa' u li hemm lok, mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni parti tal-ewwel aggravju u dwar it-tieni aggravju, li d-digriet appellat jiġi annullat.

Fuq it-talba għal miżuri provviżorji quddiem il-Qorti Ġenerali

- 73 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, hija tista' jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-appelli ppreżentati konformement mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 57 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Mejju 2022, Puigdemont i Casamajó *et vs* Il-Parlament u Spanja, C-629/21 P(R), EU:C:2022:413, punt 172 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 74 F'dan il-każ, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħħad it-talba għal miżuri provviżorji mingħajr ma eżamina l-motivi mressqa minn Telefónica de España sabiex turi l-eżistenza ta' *fumus boni juris*.

- 75 Peress li mill-punt 71 ta' dan id-digriet jirriżulta li, sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal miżuri provviżorji, huwa neċessarju li jiġu eżaminati dawn il-motivi, li jirrigwardaw aspetti differenti tal-proċedura ta' sejħa għal offerti DIGIT/A 3/PR/2019/01, hemm lok li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn il-motivi jippermettux li jiġi stabbilit *fumus boni juris* partikolarment serju.

Fuq l-ispejjeż

- 76 Peress li l-kawża qiegħda tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja jordna:

- 1) **Id-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Lulju 2022, Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (T-170/22 R, mhux ippubblikat, EU:T:2022:460), huwa annullat.**
- 2) **Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**
- 3) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem